# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. numru 1161/89 AM**

**Louis Theuma**

**vs**

**Anthony Borg**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fid-29 ta' April 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-istanza rikonvenzjonali tal-konvenut imma ghall-ammont anqas minn dak mitlub:-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur ippremetta :-

“Illi l-kontendenti kienu ftiehmu li l-attur ibiegh lill-konvenut, li da parti tieghu kellu jixtri l-karozza Rover B-7998 minghand il-United Acceptances Finance Limited, liema karozza l-attur kien intrabat ma’ din is-socjeta’ li jixtri u jhallas permezz ta’ kambjali mill-istess attur accettati ;

Illi skond l-istess ftehim il-konvenut kellu jixtri l-imsemmija karozza billi jassumi l-obbligu li jhallas personalment minflok l-attur il-kambjali kollha li kienu allura ma mmaturawx a favur ta’ l-imsemmija socjeta’ ; u li inoltre jittrasferixxi lill-attur l-appartament numru 2, formanti parti minn blokk ta’ sitt appartamenti, Triq l-Ispanjolett, limiti ta’ San Giljan, bil-prezz ta’ Lm2,500 liema prezz kien ukoll parti mill-prezz ta’ karozza u li kwindi ma kellux jigi sburzat lill-attur izda jithallas lill-venditur ta’ dak l-appartament mill-istess konvenut ; (Dokument “A”) ;

Illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien jinkludi wkoll li l-attur jikkonsenja lill-konvenut l-imsemmija krozza w inoltre li l-istess konvenut kellu mid-data li jidhol fil-pussess tal-karozza jhallas il-licenzja w il-polza ta’ l-assikurazzjoni ta’ l-istess karozza ;

Illi l-kontendenti taw lok ghall-ezekuzzjoni tal-ftehim bejniethom billi l-konvenut ipprokura l-bejgh tal-flat fuq indikat lill-attur liema bejgh sar fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Agius tal-4 ta’ Frar 1985 (Dokument “A”), liema prezz ta’ dak il-fond gie zbursat interament mill-konvenut l-imsemmija karozza Rover B-7998 li baqghet ininterrottament fil-pussess tal-konvenut ;

Illi l-konvenut naqas li jhallas il-kambjali dovuti lill-United Acceptances Finance Ltd., nonostante li kien impenja ruhu ma’ l-istess socjeta’ li jonora dawk il-kambjali kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza w inoltre naqas ukoll li jhallas il-licenzja w il-polza ta’ l-assikurazzjoni relattivi ghall-istess karozza ;

Talab li premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni prevja, jekk hemm bzonn

1. id-dikjarazzjoni li l-partijiet ftiehmu bil-mod u bil-modalita’ kif fuq indikat ghat-trasferiment ta’ l-imsemmija karozza, u li l-istess partijiet bdew jaghtu ezekuzzjoni lil dak il-ftehim ;

2. il-konvenut jigi dikjarat li ghandu jhallas lill-United Acceptances Finance Limited dawk il-kambjali li jirrizultaw li mmaturaw u li huma dovuti, u li jhallas ukoll kwalsiasi somma dovuta rigwardanti l-licenzja, u l-polza ta’ assikurazzjoni ta’ l-imsemmija karozza ;

3. fil-kaz li f'terminu ffissat mill-Qorti jkun ghadda inutilment u l-konvenut ma jkunx ghamel dawn il-pagamenti, l-istess konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-inadempjenzi ta' l-istess konvenut ;

4. dawn id-danni jigu likwidati permezz ta' perit nominanti ; u

5. il-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur dawk id-danni hekk likwidati ;

Bl-interessi kummercjali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar 1989, u tal-mandat ta' impediment ta' partenza tad-19 ta' Ottubru 1989."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :-

"1. Preliminarjament illi t-talbiet ta' l-attur ma humiex sostenibbli billi l-ftehim allegat mill-attur li jinvolvi transfer ta' karozza ma sarx bil-miktub kif rikjest mil-ligi ;

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ma kien hemm ebda ftehim fis-sens allegat mill-attur ;

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li biha ippremetta :-

"1. Illi ghall-habta tas-sena 1985 il-kontendenti kienu ghamlu ftehim fis-sens illi l-attur kellu jittrasferixxi karozza marka Rover Numru B-7998 u l-istanti in kontrakambju kellu jittrasferielu proprjeta' immobiljarji ;

2. Illi din l-obbligazzjoni da parti ta' l-attur li jittrasferixxi l-karozza msemmija lill-istanti bil-miktub kif timponi l-ligi ghall-validita' ;

3. Illi l-istanti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antonio Agius tal-4 ta' Frar 1985 (Dokument "A") ipprokura li l-attur jakkwista l-appartament Numru 2, formanti parti minn blokk ta' sitt appartamenti, Triq l-Ispagnolett, limiti ta' San Giljan, ta' liema appartament l-attur ma hallas xejn mill-prezz ta' Lm480.00,0 ;

4. Illi l-attur ma effettwax it-transfer tal-karozza msemmija favur l-istanti, li minn dejjem kienet u baqghet proprjeta' ta' l-attur;

5. Illi minhabba agir ta' l-attur u konsegwentement, huwa gie li akkwista appartament a diskapitu u detriment ta' l-istanti ;

6. Illi l-attur mitlub anke ufficjalment, biex jittrasferixxi lura l-istess appartament lll-attur jew ihallas il-valur tieghu ta' erbat elef u tmien mitt lira, baqa' inadempjenti ;

Talab li, in vista tal-premess, din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-karozza Rover Numru B-7998 ma giet qatt trasferita lill-istanti u ghadha proprieta' ta' l-attur u dan kemm ghaliex ma kienx hemm f'kitba f'dan ir-rigward u kemm ghaliex fil-fatt l-attur ma ghamilx il-proceduri necessarji biex jigi effettwat it-transfer ta' l-istess karozza ;

2. Tikkundana lill-attur jirrifondi lill-konvenut is-somma ta' Lm4800.00,0 rimbors tal-prezz ta' l-appartament fuq imsemmi, sopportat mill-konvenut kif fuq spjegat ;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-23 ta' Frar 1997 u tal-Protest tal-24 ta' Novembru 1987 u bl-imghax legali fuq l-ammont mitlub mill-4 ta' Frar 1985 kontra l-attur."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut rikonvenzjonant ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li biha huwa eccepixxa :-

"1. Illi t-trasferiment tal-karozza kif indikat fic-citazzjoni kellu jsir mill-United Acceptances Finance Limited a favur tal-konvenut, u dana ma sarx htija esklussiva ta' l-istess konvenut li qatt ma mar biex jiffirma d-dokument relattiv ;

2. Illi l-konvenut ta' ezekuzzjoni ghall-ftehim dwar il-karozza, f'dik il-parti esklussivament li kienet taqbel lilu, u cioe' li ha possess tal-karozza li baqghet sallum ghandu ;

3. Illi l-valur ta' l-appartament kif miftiehem mill-kontendenti kien ta' Lm2500 ;

4. Illi minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut ghall-mankat trasferiment teoriku tal-karozza, il-kontro-talbiet ghar-rexissjoni tal-kuntratt u l-ftehim l-iehor huma infondati ;

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur rikonvenzjonat ;

Rat id-digriet tat-28 ta' Ottubru 1991 li bih gie nominat bhala Perit l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bl-inkarigu u fakoltajiet lilu moghtija bl-istess digriet u d-digriet tal-4 ta' Ottubru 1993 li bih gie sostitwit b'Dottor Mark Chetcuti bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni peritali prezentata fit-13 ta' Gunju 1995 u mahlufa fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 1995 ;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Frar 1996 li bih Dottor Benny Delia ghall-konvenut iddikjara li hu jirrimetti ruhu ghar-rapport peritali salv li jissottometti li l-konvenut bhala rimbors ghandu jinghata s-somma ta' Lm4800, prezz li gie dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment bejn l-attur u certu Tonna li lilu inbiegh il-flat in kwistjoni ;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ;

Ittrattat :

Ikkunsidrat :-

Illi l-abbli Perit Legali ghamel "inter alia" il-konsiderazzjonijiet segwenti :-

"Dak kollu li nqala' bejn il-kontendenti hu r-rizultat ta' negozju li jsir spiss, minghajr kitba, u dan biex in fin dei konti jigu evitati spejjez doppji ta'boll u imposti ohra governattivi ;

L-esponenti qed jaghmel din l-osservazzjoni ghaliex min jidhol ghal dawn in-negozji qed jaghmlu b'ghajnejh miftuhin u meta' jinqala' xi ghawg ma ghandux imbaghad jippretendi li l-Qrati ghandhom jghalqu ghajn wahda u jipprovaw isewwu jew isalvaw negozju bi sfumaturi simili ;

Il-kontendenti bejniethom ghamlu ftehim car ta' tpartit. L-attur kellu fil-pussess tieghu karozza Rover, on hire purchase minghand il-United Acceptances Finance Limited, liema karozza legalment kienet il-proprjeta' ta' l-istess kumpanija stante illi kien ghad fadal bilanc sostanzjali dovut lill-istess kumpanija. Il-konvenut ukoll kellu fil-pussess tieghu flat fi Triq l-Ispanjolett, Kappara, liema flat ukoll ma kienx proprjeta' tieghu izda kien parti ma' certu Tonna ghal karozza BMW u t-trasferiment formali notarili kien ghadu ma sarx.

Il-partijiet, bil-kelma, ftehmu li l-karozza titpartat mal-flat. Peress illi l-karozza kienet tiswa aktar mill-flat, il-partijiet ftehmu li l-konvenut jiehu wkoll parti jew id-dejn kollu dovut lil United Acceptance. Fuq din il-kwistjoni li kien hemm divergenza bejn il-partijiet u fuq hekk il-partijiet waslu ghall-kawza. L-esponenti jissottometti illi hu inverosimili, kif jixhed il-konvenut, illi huma ma iddiskutewx valuri. L-attur u x-xhud Burno jaqblu fuq valuri li gew diskussi bejn il-kontendenti.

Pero' l-esponenti mhux ser jidhol fi kwistjonijiet ta' kredibilita' tax-xhieda ghar-ragunijiet li jirrizultaw 'il quddiem f'din ir-relazzjoni.

L-istitut tat-tpartit hu regolat bl-Artikolu 1485 et seq tal-Kodici Civili, li in principju ma jirrikjedix illi kwalunkwe ftehim ta' tpartit li jirrigwarda mobbli ghandu jsir bil-mikub. Pero' f'kaz illi wahda mill-oggetti li qed jitpartat hu proprjeta' immobbli dan irid isir permezz ta' kuntratt pubbliku "ad validitatem".

Fil-fatt il-ligi tghid illi t-tpartit isir bil-kunsens, bhal bejgh u fil-fatt l-Artikolu tal-ligi tal-bejgh japplikaw ghat-tpartit ukoll.

F'dan il-kaz il-konvenut partat immobbli ma' mobbli, ghalkemm il-proprjeta' immobbli ma kienitx tieghu in forza ta' kuntratt pubbliku, pero' hu xorta pprokura il-proprjeta' ta' l-imsemmi immobbli lill-attur. Kwindi dik il-parti tal-ftehim ta' tpartit giet onorata.

Rigward il-vettura nqala' ntopp bejn il-kontendenti kemm kien il-bilanc li l-konvenut kellu jhallas lil United Acceptances Finance Limited bhala kumpens biex jaghmel tajjeb ghat-tpartit. Fuq din il-kwistjoni l-karozza qatt ma ghaddiet f'idejn il-konvenut.

Pero' minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu ta' din il-kwistjoni, bhala stat fattwali l-attur ftiehem bil-kelma mal-konvenut li jittrasferixxi xi haga li mhix tieghu. Il-vettura kienet u baqghet proprjeta' ta' United Acceptances Finance Limited peress illi l-attur kien ghadu ma hallasx il-bilanc fuq il-vettura.

Dan l-att skond l-Artikolu 1372 tal-Kodici Civili jirrendi t-trasferiment tal-vettura lill-konvenut nulla.

Inoltre fl-Att XVII tal-1993 cioe' l-att Dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti hemm specifikat kif gej : "Any document whereby any motor car as defined in the Traffic Regulation Ordinance is transferred shall bi chargeable with duty ….. Saving any law which prescribes a public deed, ………, every transfer to which

section 36 and 37 of this Act refers, shall, under pain of nullity, be made in writing."

Il-premessi attrici huma illi ghalkemm inghata bidu ghall-esekuzzjoni tal-ftehim billi l-attur gie konsenjat il-proprjeta' immobbli, il-konvenut ma ottemprax ruhu biex jaghti esekuzzjoni ghall-parti tieghu tal-ftehim cioe' li jhallas il-bilanc dovut fuq il-vettura.

Pero' ghalkemm it-talbiet huma elenkati f'dawn it-termini, jibqa' l-fatt illi "in fin dei conti" il-kontendenti partu karozza, li fl-ewwel lok ma kienitx ta' l-attur, (ghalkemm iz-zewg kontendenti kienu jafu b'dan) u fit-tieni lok ma saritx bil-miktub. Ovvjament din il-parti tat-transazzjoni ma saritx bil-miktub ghar-raguni ovvja biex ma jithallasx boll doppju.

L-esponenti pero' ma jistax jipprova jaghti effikacja ghal negozju li ma jottemprax ruhu mal-ligi ;

Thares lejha minn fejn thares lejha, l-iskop finali bejn il-kontendenti kien mit-trasferiment tal-vettura mal-flat. Din ma segwietx il-binarju li l-ligi timponi u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

Ghalkemm l-istitut tat-tpartit ma jimponix skrittura fi trasferiment ta' karozza, pero' l-Att XVII jistipula b'Artikolu "ad hoc" illi trasferiment irid isir bil-miktub "ad validitatem", u ovvjament ligi "ad hoc" ghandha tinghata effikacja fuq ligi li titkellem f'termini generali. Di piu' l-Att XVII sar wara l-Artikolu kontenuti fl-istitut fuq tpartit fil-Kodici Civili.

L-esponenti jissottometti illi ma jistax jiskarta l-Att XVII u jaccetta t-tezi li l-ftehim kien il-hlas tal-bilanc mill-konvenut lil United Acceptances Finance Limited. Il-bilanc dovut kien jifforma parti biss mill-korrispettiv li l-konvenut kien obbligat ihallas biex l-oggetti li kienu qed jigu mparta jkollhom valur ugwali. Pero' l-oggett tat-tpartit kienet il-vettura, mal-proprjeta'.

Kwindi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha izda ghandha tigi milqugha l-eccezzjoni tal-konvenut.

Il-konvenut ghamel kontro-talba fejn ippermetta illi l-vettura ghandha proprjeta' ta' l-attur stante li ma sar ebda trasferiment u illi l-attur ghandu jigi kundannat id-danni u cioe' r-rimbors ta' Lm4800 prezz indikat fil-kuntratt li biha l-attur akkwista l-proprjeta' immobiljari.

L-esponenti jissottometti illi l-ligi tat-tpartit ma tinkwadrax is-sitwazzjoni li nqalghet bejn il-kontendenti.

Li l-ftehim intier hu null jirrizulta minn dak li gie premess mill-esponenti.

L-effett ta' din in-nullita', hi r-ritorn ta' l-oggetti li nghataw fit-tpartit. Sfortunatament dan illum mhux possibbli in kwantu, ghalkemm il-karozza ghadha fil-pussess ta' l-attur, l-immobbli gie trasferit mill-attur lil terzi bi tpartit ma' "mechanical horse".

Kwindi llum ir-restituzzjoni reciproka hi impossibbli.

L-artikolu tat-tpartit fejn jirrigwarda ripresa ta' oggetti immobbli minghand terzi pussessuri ma tapplikax lanqas ghal kaz prezenti press illi dawn japplikaw ghal evizjoni mill-proprjeta' immobbli.

Ghalkemm l-artikoli tal-begjh japplikaw pero' f'kaz ta' assenjazzjoni ta' oggett appartanenti lil terzi (bhal dan il-kaz fejn il-karozza kienet legalment il-proprjeta' ta' haddiehor, id-dritt ghad-danni jista' jinsorgi biss f'kaz fejn il-persuna ma kienitx taf li l-oggett ma kienx jappartjeni lil persuna li tathielu.

Ghalhekk anke f'dan il-kaz id-dritt ghad-danni bhala tali, allegatament dovuti lill-konvenut ma japplikax.

Cio' nonostante l-konvenut qed jitlob l-ammont ta' Lm4800 minflok l-immobbli li llum ma jistax jiehu lura biex b'hekk il-partijiet jergghu jigu fil-posizzjoni li kienu qabel it-tpartit.

L-esponenti jaqbel illi l-partijiet ghandhom jigu rimessi fil-posizzjoni originali taghhom.

Il-konvenut jista' jerga' jirritorna l-vettura lill-attur salv li din ghadha fl-istess kondizzjoni li kienet qabel ma hadha u bil- (sic) jew dejn li kellha jew li ghandha.

Jekk kif jallega l-attur, il-United Acceptances harrkuh biex ihallas il-bilanc dovut, u llum hemm spejjez ohra, dan ma ghanduxibatih il-konvenut stante li l-attur seta' pprotega ruhu billi hallas dak dovut minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu kontra l-konvenut u anke ghamel azzjoni diversa minn dik prezenti biex il-konvenut jigi mghieghel jittrasferixxi f'ismu l-vettura imsemmija, u jhallas dak il-bilanc illi l-attur deherlu kien jifforma parti mill-ftehim. Jekk dan ma ghamlux, ma ghandux ibati ghalih il-konvenut.

Mill-banda l-ohra, peress illi l-attur ma jistax jaghti lura l-immobbli lill-konvenut, irid bilfors jinghata valur lil dan l-immobbli ; valur li jirrispekkja l-ftehim li kien raggunt mill-partijiet fit-tpartit.

Fuq din il-kwistjoni hemm divergenza qawwija fil-provi. Filwaqt illi l-attur jixhed illi l-partijiet taw il-valur ta' Lm2500 lil flat meta kienu qed jinnegozjaw, u ma' dan jaqbel anke x-xhud Anthony Bruno, prodott minnu, l-konvenut jixhed illi fil-fatt ma sar ebda diskors fuq valur. Hu jixhed pero' illi f'mohhu ikkalkola li l-flat kien swieh xi Lm4000, u peress illi l-vettura kienet tiswa izjed (ghalkemm ma jghidx kemm) deherlu li jekk ihallas Lm2500 mill-bilanc dovut fuq il-karozza, il-kontendenti kienu ser jiehdu l-istess valur.

L-attur invece jghid illi l-valur ta' l-immobbli kien ta' Lm2500 u d-dejn fuq il-karozza li kien ser jiehdu billi l-konvenut kien ta' Lm3000, kienu jaghmlu tajjeb ghal valur tal-vettura cioe' Lm6400.

Il-konvenut qed jitlob rimbors ta' Lm4800, prezz dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment bejn Tonna u l-attur.

Dan l-ammont zgur mhux dovut ghax ix-xhieda turi illi dan il-valur inghata minhabba ragunijiet ta' rkupru, u minn dan il-valur ma thallas xejn.

Peress illi hu difficli tasal ghall-konkluzzjoni lil min taqbad temmen, l-esponenti bilfors irid jasal ghal decizjoni "arbitrio boni viri" dwar l-ammont li l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenut. Tenut kont tal-fatt illi l-valur ta' l-immobbli llum kiber imma l-valur tal-vettura x'aktarx nizel, il-konvenut ser imur aghar mill-attur meta l-partijiet jigu rimessi fil-posizzjoni originali taghhom, stante li l-konvenut mhux ser jirriprendi lura l-immobbli.

Kwindi l-esponenti jissottometti illi l-attur ghandu jirrimborsa lill-konvenut is-somma ta' Lm3500 bhala kumpens flok il-flat li llum ma jistax jigi trasferit lura lill-konvenut, filwaqt li jirritorna l-vettura Rover kif fuq inghad.

L-esponenti fl-ahhar nett jissottometti illi stante n-natura tal-kaz ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez bejn il-kontendenti."

Ikkonsidrat ulterjorment ;

Fil-fehma taghha ghandhom jigu adottati minnha l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet peritali hawn fuq citati ;

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, prevja adozzjoni minnha tal-konkluzzjonijiet peritali, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u

> konsegwentement, tichad it-talbiet ta' l-attur, tilqa' l-istanza rikonvenzjonali tal-konvenut, b'dan li t-tieni talba rikonvenzjoali hija milqugha limitatament ghas-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500), bl-imghax millum.
>
> L-ispejjez, kemm dawk ta' l-istanza attrici kif ukoll ta' l-istanza rikonvenzjonali, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appella biss l-attur. Il-konvenut rikonvenzjonat, ghalkemm irribadixxa li kien lilu dovut l-ammont li hu talab fil-kontro-talba tieghu, m'ghamilx appell incidentali u ghalhekk is-sentenza appellata kellha titqies illi taghmel stat fil-konfront tieghu jekk l-appell tal-attur ifalli. Minn naha tieghu l-istess attur talab ir-revoka tas-sentenza appellata billi jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut flimkien mal-kontro-talba tieghu. Hu jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal addozjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali addozjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti

dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz. Fil-kaz taht ezami pero' hadd mill-partijiet ma ssolleva eccezzjoni formali ta' din ix-xorta u din il-Qorti ghandha allura tipprocedi biex tikkonsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl tar-rizultanzi processwali.

Sfortunatament kemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kif ukoll il-mod kif l-attur imposta l-kaz tieghu fil-kors tat-trattazzjoni fir-rikors tal-appell zvija l-attenzjoni tal-gudikant mill-kwistjoni centrali li kellha tigi definita u rizolta, dik cioe' x'kienet in-natura guridika u preciza tar-relazzjoni li nholqot bhala konsegwenza tan-negozju konkjuz bejn il-kontendenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed ma kellux jisposta din il-kwistjoni mill-premessi illi l-attur ippropona ghat-talbiet tieghu u li ma gewx bhala fatt kontestati fis-sostanza taghhom mill-konvenut. Il-premessa ewlenija tal-attur li kellha tiggalvanizza relazzjoni guridika li minnha jiskaturixxu l-obbligi u l-jeddijiet rispettivi tal-kontendenti kienet illi "l-kontendenti kienu ftehmu li l-attur <u>ibiegh</u> lill-konvenut li da parti tieghu kellu <u>jixtri</u> l-karozza Rover B-7998 minghand il-United Acceptances Finance Limited, liema karozza l-attur kien intrabat ma' din is-socjeta' li jixtri u jhallas permezz ta' kambjali mahruga lill-istess attur accettanti. Inoltre l-attur jippremetti illi, skond l-istess ftehim il-konvenut kellu <u>jixtri</u> l-imsemmija karozza billi jassumi l-obbligu illi jhallas personalment minflok l-attur il-kambjali kollha li kienu allura ma mmaturawx a favur

tas-socjeta' msemmija u inoltre li jittrasferixxi lill-attur proprjeta' immobiljarji. Il-ftehim kollu gie konkluz bil-kelma u kien fil-fatt car mit-termini tieghu illi kien effettivament promessa ta' bejgh da parti tal-attur lill-konvenut ta' karozza Rover versu l-korrispettiv ta' proprjeta' immobiljarji u l-assunzjoni da parti tal-konvenut kompratur li jhallas il-bilanc ta' kambjalijiet li kienu ghadhom dovuti lill-proprjetarju tal-vettura in vendita'. Kif sewwa rrelata l-perit legali, il-kontendenti ma qablux sostanzjalment fuq punt wiehed minn dan il-ftehim. Filwaqt li l-attur isostni li l-konvenut obbliga ruhu li apparti li jipprokura l-flat lill-attur l-istess konvenut kellu wkoll ihallas il-bilanc kollu dovut lill-United Acceptances Finance Limited, il-konvenut jghid illi l-ftehim kien illi hu johrog biss elfejn u hames mitt lira minn dan l-ammont filwaqt li l-attur ihallas il-bilanc. Il-konvenut jixhed illi hu qatt ma mar ghand il-United Acceptances Finance Limited mal-attur izda dan kien qallu illi l-bilanc dovut kien ta' cirka tlett elef u hames mitt lira li minnhom il-konvenut jinsista li obbliga ruhu li jhallas elfejn u hames mija basta l-attur ihallas il-bilanc kollu rimanenti. Apparti din id-divergenza rilevanti dwar x'kellu jkun ezattament il-korrispettiv ghal valur ta' karozza, il-fatti komplew thawdu meta l-partijiet bdew jaghtu effett ghall-ftehim partikolarment fin-negozju fir-rigward tal-immobbli li effettivament kien gie trasferit lill-attur. Immobbli illi jirrizulta wkoll provat li ma kienx proprjeta' tal-konvenut imma li b'xi mod dan seta' jinnegozjah.

Din il-Qorti ghalissa ha tipprexindi mill-konflitti ta' prova dwar l-esekuzzjoni tal-ftehim biex tipprova tasal ghal kwadru guridiku li kellu jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti. Indubbjament in-negozji involuti huma ta' tahwid notevoli bejn partijiet illi kienu jikkonducu transazzjonijiet "alla buona" minghajr riferenza ghal dak li tesigi l-ligi fejn allura r-rabtiet li jsiru bil-kelma mhux necessarjament ikunu vinkolanti. F'sitwazzjoni bhal din, il-kontrajenti jkollhom ibatu l-konsegwenzi tat-tahwid taghhom, provokati jew mill-injoranza tal-ligi jew, forsi aktar probabbli, mill-konvenjenza. Bizzejjed jinghad li fil-kaz taht ezami n-negozji kollha nvoluti kienu jirreferu ghall-proprjeta' li minnha l-kontraenti ma setghux teknikament jiddisponu fit-termini ezatti tal-kontrattazzjonijiet kif minnhom dikjarati. L-attur ma kienx is-sid tal-karozza u l-konvenut ma kienx is-sid tal-immobbli li t-tnejn ippromettew li jittrasferixxu lill-kontro-parti fil-mument meta sar in-negozju. Infatti minn hawn diga' jidher illi kienet zbaljata l-impostazzjoni tal-vertenza fuq negozju ta' tpartit u hawn kien korrett il-perit legali meta ssottometta illi l-fatti in kawza ma setghux jinkwadraw ruhhom fl-elementi ta' kuntratt ta' tpartit validu. Bizzejjed jinghad illi skond l-artikolu 1493 tal-Kodici Civili r-regoli l-ohra dwar il-kuntratt ta' bejgh kellhom jghoddu wkoll ghall-kuntratt ta' tpartit waqt li l-artikolu 1372 jipprovdi illi l-bejgh ta' haga ta' haddiehor hu null. F'dan il-kaz, kif inghad, dak li kien qieghed allegatament jitpartat ma kienx ta' proprjeta' tal-kontraenti u dana fuq kull naha. Id-difett allura ma kienx semplicement wiehed ta' forma imma wkoll ta' sostanza u kienet gusta l-konkluzjoni tal-perit legali li

jekk wiehed jara c-citazzjoni fl-ottika tal-kuntratt ta' tpartit in-negozju kien kollu kemm hu null.

Sa hawn il-Qorti tikkonkorri mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali kif riprodotti fis-sentenza appellata u tifhem li huma ben motivati fil-ligi. Il-Qorti kellha allura tara jekk il-kontrattazzjonijiet bejn il-kontraenti kellhomx jitqiesu bhala rabtiet validi kemm fis-sustanza kif ukoll fil-forma taht xi sura ta' kuntratt iehor li minnu jitnisslu obligazzjonijiet. Certament il-kuntratt li jemergi mill-ftehim, li fl-essenza tieghu huwa pruvat, kien wiehed kommutatitv in kwantu kull wahda mill-partijiet kienet qed tobbliga ruhha li taghti jew taghmel xi haga li titqies bhala li tiswa daqs dik li tkun ser tigi moghtija lilha mill-kontro-parti. Fl-att tac-citazzjoni l-attur ikkwalifika n-negozju bhala wiehed ta' kompro-vendita' ta' oggett mobbli li huwa l-karozza versu l-prezz li kien miftiehem u li dwaru hemm kontestazzjoni. Prezz li kellu jikkonsisti fi flus in kwantu kien jirrapprezenta l-valur tal-kambjalijiet illi l-konvenut allegatament accetta illi jassalda mas-socjeta' United Acceptances Limited u li mieghu kellu jizdied l-appartament li wkoll inghata valur. Anke jekk tirrizulta kontestazzjoni fir-rigward ta' xi ftehim li ntlahaq fuq il-valuri, l-pagament tal-korrispettiv tal-vettura kien wiehed validu fit-termini tal-artikolu 1352 tal-Kap. 16 li jipprovdi li l-prezz ghandu jkun jikkonsisti fi flus imma madankollu l-kuntratt jibqa' ta' bejgh jekk mas-somma ta' flus miftehma, ix-xerrej jobbliga ruhu li jaghti xi haga in natura bhala zieda mal-prezz.

Din il-Qorti allura titlaq bil-premessa illi l-ftehim kien null skond il-premessi atturi jipprospetta kompro-vendita' u mhux tpartit. Inoltre jirrizulta stabbilit adegwatament mill-provi illi l-karozza Rover kienet f'idejn l-attur b'titolu ta' hire purchase minghand is-socjeta' United Acceptances Finance Limited. Ghalkemm ma kellux allura jedd ta' proprjeta' shiha fuq il-vettura, l-attur indubbjament kellu interess proprjetarju fl-istess vettura li seta', kif ghamel, jiddisponi minnha. Infatti hu jippremetti illi "l-konvenut kellu jixtri l-karozza Rover B-7998 minghand il-United Acceptances Finance Limited, b'liema karozza kien intrabat ma' din is-socjeta' li jixtri u jhallas permezz ta' kambjali mill-istess attur accettati". Dan ifisser illi stricto iure l-ftehim ma kienx illi l-konvenut jixtri l-karozza minghand l-attur. Kien biss obbligazzjoni u allura promessa illi l-konvenut jixtri l-karozza minghand sidha, il-United Acceptances Finance Limited, billi jhallas lil din is-socjeta' kambjalijiet li kien ghad fadallu jhallas l-attur fuqha. Ma jidhirx allura korrett dak li rriteniet l-ewwel Qorti fuq l-opinjoni tal-perit legali li kienu applikabbli ghall-kaz taht ezami l-provvedimenti tal-att XVII tal-1993 dwar it-taxxa fuq id-dokumenti. Dan ghaliex il-ftehim ma kienx fih innifsu jimporta t-trasferiment tal-karozza ghax il-karozza qatt ma kienet tal-attur.

Lanqas ma seta' jinghad illi l-attur kien qieghed ibiegh hwejjeg haddiehor ghaliex fil-verita' l-ftehim kien jipprospetta biss obbligazzjoni da parti tal-konvenut li jixtri l-karozza minghand min kien verament

sidha u cioe' minghand il-United Acceptances Finance Limited. Jidher allura li dak li obbliga ruhu illi jaghmel il-konvenut kien illi jidhol fil-libsa tal-attur fir-relazzjonijiet li kellu ta' hire purchase mas-socjeta' United Acceptances Finance Limited b'mod li allura l-attur jigi skond hu mehlus mill-obbligazzjonijiet li kellu fir-rigward tal-pagament tal-bilanc dovut fuq ir-Rover filwaqt illi l-konvenut ikun f'posizzjoni illi jikkonkludi x-xiri taghha minghand sidha una volta jkun hallas dak li kien obbliga ruhu li jhallas. Mhux eskluz illi din ix-xorta ta' ftehim li jiggverna f'relazzjonijiet interni bejn l-attur u l-konvenut seta' jsir bil-fomm minghajr il-htiega ta' solennita' tal-kitba una volta jkun gie definittavament provat. F'kull kaz din il-Qorti m'ghandhiex eccezzjoni tan-nullita' tal-ftehim kif prospettat ezattament fl-att tac-citazzjoni ghaliex il-binarji tat-trattazzjoni kienu kollha spustjati fuq ftehim ta' kompro-vendita' ta' vettura li kif inghad mhuwiex precizament il-mertu tat-talbiet kif proposti.

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi t-trasferiment tal-karozza kellha eventwalment issir mis-socjeta' United Acceptances Finance Limited fuq isem l-attur appena l-konvenut ikun hallas dak li kien fuqha dovut u illi l-istess konvenut kien bhala fatt taha bidu ghall-esekuzzjoni tal-ftehim billi kkonsenja l-vettura Rover lill-attur u din thalliet fil-pussess u fl-uzu ininterrott tieghu sal-lum. Kjarament il-konvenut ma jistax jikkoncedi lill-attur aktar drittijiet milli kellu fuq din il-karozza u cioe' illi, kif inghad, jissubentra fil-jeddijiet tieghu kif johorgu mill-ftehim ta' hire purchase li kellu mas-socjeta' United Acceptances

Finance Limited . Mill-banda l-ohra, kif jirrizulta mill-provi, l-attur ukoll issodisfa l-obbligazzjonijiet tieghu skond il-ftehim milhuq billi ittrasferixxa lill-attur l-appartament imsemmi fic-citazzjoni akkont tal-prezz miftiehem.

Una volta din il-Qorti qed tasal ghall-konkluzjoni illi l-ftehim bejn il-partijiet seta' jigi legalment inkwadrat b'kontrattazzjoni valida u ritwalment perfetta, jibqa' x'jigi deciz biss il-konflitt li hemm fil-provi dwar x'effettivament obbliga ruhu li jhallas lill-konvenut fir-rigward tal-kambjalijiet li kienu ghadhom dovuti fuq ir-Rover favur is-socjeta' United Acceptances Finance Limited. Il-konvenut stess fix-xhieda tad-9 ta' Marzu 1994 xehed :- "Hu tani l-karozza u peress li kien fadal Lm3500 dejn mal-United, ftehmna li Lm1000 jhallashom hu u l-bqija nhallashom jiena …….. u jiena ghedtlu li kont lest naghti cekk ta' Lm2500 basta mmorru naghmlu t-transfer. Il-karozza kienet irregistrata fuqu (Dan mhux preciz. Kien hemm biss user license li ma jfissirx li l-proprjeta' tal-vettura kienet tal-attur. Ifisser infatti l-kontra.) Hu qalli naghtih ic-cekk pero' jiena nsistejt li ridt it-transfer". Minn naha l-ohra l-attur xehed hekk :- "Rigward ix-xhieda li ghadu kemm ta l-konvenut, nghid illi veru li l-konvenut ried jaghmel cekk ta' elfejn u hames mitt lira pero' ried jaghmlu fuqi u jiena ghedtlu li kellu jsir fuq il-United. Qalli li ried ricevuta ta' hlas a saldu. Jiena ghedtlu li ma stajtx naghmel hekk ghax kellu bilanc akbar x'ihallas". Dan il-konflitt car fil-provi filwaqt illi certament jikkonstata l-accettazzjoni da parti tal-konvenut illi kien zgur dovut

bilanc ta' elfejn u hames mitt lira li kellhom jithallsu minnu f'kambjali lill-United Acceptances Limited, seta' biss jigi rizolt b'riferenza ghall-provi prodotti u bla dubbju l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-attur. Sfortunatament ma hemm l-ebda prova indipendenti fl-atti li tista' b'xi mod tikkonforta t-tezi ta' parti u mhux ta' ohra. Il-Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti illi ma setghu bl-ebda mod jigu rikonciljati u ma kienx hemm raguni ghaliex din il-Qorti kellha taccetta bhala aktar attendibbli u kredibbli l-verzjoni tal-attur minn dik tal-konvenut.

Din il-Qorti allura trid taccetta l-verzjoni l-aktar favorevoli ghall-konvenut, dik cioe' illi hu kien preparat li jhallas lill-United Acceptances Finance Limited is-somma ta' elfejn u hames mitt lira akkont tal-bilanc li kien ghadu dovut fuq il-vettura Rover lill-istess United Acceptances Finance Limited. Minn dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :-

1. Li s-sentenza appellata kellha tigi revokata.

2. Li l-kontro-talba tal-konvenut kellha tigi michuda ghaliex hu stabbilit u provat illi l-karozza Rover ma kienitx u qatt ma kienet proprjeta' tal-attur. Konsegwentement dan ma setax jittrasferiha lill-konvenut kif ukoll ghaliex din il-Qorti qed tirritjeni illi l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti, kif propost fit-termini fl-att tac-citazzjoni, kien legalment validu u seta' jigi ezegwit.

3. Tilqa' t-talbiet attrici billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

(a) Tilqa' l-ewwel talba.

(b) Tilqa' t-tieni talba limitatament pero' ghal Lm2500 oltre l-imghax skadut fuq dak l-ammont mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-att tac-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament. Il-konvenut li qed jigi kkundannat li jhallas dan l-ammont lil United Acceptances Finance Limited fiz-zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza b'dana illi fiz-zmien xahrejn mil-lum il-konvenut ghandu jikkonkludi l-formalitajiet mehtiega mas-socjeta' United Acceptances Finance Limited biex din tittrasferixxi l-vettura fuq isem l-attur salv dejjem illi dan ikun da parti tieghu fl-istess zmien issalda kull bilanc li jkun ghadu minnu dovut. Fin-nuqqas il-Qorti qed tikkanonizza lill-attur kreditur ta' ammont ekwivalenti in lineja ta' danni konsegwenzjali ghall-inadempjenza kontrattwali da parti tal-istess konvenut. Dana in sodisfazzjon tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti hekk u f'dan is-sens kif definit fil-paragrafi precedenti qed tiddeciedi l-kawza. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez tipprovdi :-

(a) L-ispejjez tal-kontro-talba kellu ibatihom il-konvenut. L-ispejjez tal-appell principali tal-attur kellhom ikunu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u kwantu ghall-terz mill-attur. L-ispejjez tal-Prim'istanza kellhom jigu sofferti bin-nofs bejn il-kontendenti. Dan ukoll ghaliex dawn il-proceduri gew provokati bin-nuqqas taz-zewg partijiet illi ghall-konvenjenza taghhom naqsu li bi kjarezza jiddefinixxu l-kontrattazzjonijiet ta' bejniethom.

Dep/Reg

mg